DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1574

tat-28 ta' Lulju 2023

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 ([1]), li tikkonċerna miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti. Dik id-Deċiżjoni timplimenta r-Riżoluzzjoni 2653 (2022) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU), li stabbiliet reġim ta' sanzjonijiet għall-Haiti, inkluż l-iffriżar tal-assi, ir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar u l-miżuri mmirati ta' embargo fuq l-armi.

(2) L-Unjoni tqis li s-sitwazzjoni fil-Haiti tkompli tikkostitwixxi theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali fir-reġjun, u tibqa' mħassba dwar il-livelli għoljin ta' vjolenza bejn gruppi organizzati u attivitajiet kriminali oħra, il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, l-approprjazzjoni indebita ta' fondi pubbliċi, l-impunità li għaddejja għall-awturi, u s-sitwazzjoni umanitarja mwieġħra fil-Haiti, li kollha kemm huma għandhom konsegwenzi devastanti għall-popolazzjoni tal-Haiti.

(3) Is-sitwazzjoni fil-Haiti tibqa' kkaratterizzata mill-instabbiltà, li hija marbuta mal-fraġilità tal-Istat. Il-kundizzjonijiet ġenerali tas-sigurtà huma estremament prekarji minħabba l-preżenza mifruxa ta' gruppi armati involuti f'attivitajiet illegali, li jxekklu wkoll it-twassil tal-għajnuna umanitarja. Din is-sitwazzjoni qed thedded li tikkompromett, fost oħrajn, l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet leġislattivi u presidenzjali paċifiki, ħielsa, ġusti u trasparenti, li l-Gvern tal-Haiti lest li jsejjaħ sal-2024 jekk il-kundizzjonijiet ġenerali tas-sigurtà jippermettu dan, u tfixkel it-triq demokratika u fraġli tal-pajjiż.

(4) L-awtoritajiet tal-Haiti appellaw lill-komunità internazzjonali ripetutament biex tipprovdi appoġġ fl-istabbiliment mill-ġdid tal-awtorità tal-Istat u l-istat tad-dritt, inkluż fil-ġlieda kontra gruppi armati u organizzazzjonijiet kriminali oħra, b'mod partikolari billi talbu lin-Nazzjonijiet Uniti tiskjera forza internazzjonali speċjalizzata biex tassisti lill-Pulizija Nazzjonali tal-Haiti u lill-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani biex joħolqu grupp ta' ħidma ddedikat sabiex isegwi l-iżvilupp tas-sitwazzjoni u jikkoordina man-Nazzjonijiet Uniti u l-Komunità tal-Karibew.

(5) Fil-kuntest u fid-dawl tas-sitwazzjoni politika, ekonomika, umanitarja u ta' sigurtà li qed tkompli tiddeterjora fil-Haiti, il-Kunsill iqis li huwa xieraq li jiġi stabbilit qafas iddedikat għal miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti u għal azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Haiti, kif ukoll kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.

(6) Theddida għall-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti tinħoloq b'mod partikolari minn persuni li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet kriminali u vjolenza li jinvolvu gruppi armati u networks kriminali jew jappoġġawhom, li jappoġġaw it-traffikar illeċitu u d-devjazzjoni tal-armi, li jaġixxu bi ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi, li jwettqu atti li jiksru d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew li iwettqu atti li jikkostitwixxu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jew li jostakolaw l-azzjoni umanitarja fil-Haiti.

(7) Huma ta' theddida għall-istabbilta', għad-demokrazija u l-istat tad-dritt tal-Haiti wkoll il-persuni li jinvolvu ruħhom f'imġiba finanzjarja ħażina serja li tikkonċerna fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata tal-kapital.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (PESK) 2022/2309 tal-25 ta' Novembru 2022 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti (ĠU L 307, 28.11.2022, p. 135).

(8) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li l-eżenzjoni umanitarja mill-miżuri ta' ffriżar ta' assi skont ir-Riżoluzzjoni 2664 (2022) tal-KSNU tapplika wkoll għall-miżuri komplementari li jikkonċernaw l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi flimkien ma' dawk deċiżi mill-Kumitat stabbilit bil-paragrafu 19 tar-Riżoluzzjoni 2653 (2022) tal-KSNU.

(9) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 tiġi emendata skont dan.

(10) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(1), it-tieni subparagrafu, il-kliem "l-Anness" huma sostitwiti bil-kliem "Anness I";

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 1a*

1. Il-provvista, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni diretti jew indiretti ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inkluż armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u spare parts tal-imsemmija hawn fuq, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni u l-entitajiet, elenkati fl-Anness II minn nazzjonali ta' Stati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew l-użu tal-bastimenti jew l-ajruplani tal-bandiera tagħhom għandhom jiġu pprojbiti, irrispettivament minn jekk joriġinawx fit-territorji tagħhom jew le.

2. Għandu jkun ipprojbit li:

(a) jingħataw assistenza teknika, taħriġ jew assistenza oħra, inkluż il-provvista ta' persunal merċenarju armat, relatat ma' attivitajiet militari jew mal-provvista, il-manutenzjoni jew l-użu ta' kwalunkwe arma u materjal relatat direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna jew entità elenkati fl-Anness II;

(b) jingħataw finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjal relatat, jew għall-provvista ta' assistenza teknika relatata jew assistenza oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna jew entità elenkati fl-Anness II;

3. F'konformità mal-awtoritajiet nazzjonali u l-leġiżlazzjoni tagħhom u b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali, l-Istati Membri għandhom jispezzjonaw il-merkanzija kollha lejn il-Haiti fit-territorju tagħhom, inkluż portijiet u ajruporti, jekk ikollhom informazzjoni li tipprovdi bażi raġonevoli biex jitwemmen li l-merkanzija tinkludi oġġetti li l-provvista, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont dan l-Artikolu;

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri adegwati ta' mmarkar u żamma ta' rekords biex jiġu rintraċċati l-armi, inkluż armi ħfief u ta' kalibru żgħir, f'konformità mal-istrumenti internazzjonali u reġjonali li huma partijiet għalihom, u biex jikkunsidraw kif l-aħjar jassistu, fejn rilevanti u fuq talba tagħhom, lill-pajjiżi ġirien fil-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' traffikar illeċitu u devjazzjoni bi ksur tal-miżuri imposti fil-paragrafi 1 u 2.";

(3) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-kliem "l-Anness" huma sostitwiti bil-kliem "Anness I";

(b) fil-paragrafu 5, il-kliem "l-Anness" huma sostitwiti bil-kliem "l-Anness I";

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 2a*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta' persuni fiżiċi:

(a) responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti, jew kompliċi jew involuti, direttament jew indirettament, inkluż:

(i) l-involviment dirett jew indirett f'attivitajiet kriminali u vjolenza li jinvolvu gruppi armati u networks kriminali li jippromwovu l-vjolenza, inkluż ir-reklutaġġ furzat ta' tfal minn tali gruppi u networks, ħtif ta' persuni, traffikar ta' persuni u faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, u omiċidji u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, jew l-appoġġ għalihom;

(ii) l-appoġġ għat-traffikar illeċitu u d-devjazzjoni ta' armi u materjal relatat, jew flussi finanzjarji illeċiti relatati magħhom;

(iii) it-teħid ta' azzjoni għal, f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' jew l-appoġġ b'mod ieħor jew il-finanzjament ta' persuna jew entità dežinjata b'konnessjoni mal-attività deskritta fil-punt (i) jew (ii), inkluż bl-użu dirett jew indirett tar-rikavat mill-kriminalità organizzata, inkluż rikavati mill-produzzjoni illeċita u t-traffikar tad-drogi u tal-prekursuri tagħhom li joriġinaw fil-Haiti jew li jgħaddu minnha, it-traffikar ta' persuni u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali mill-Haiti jew il-kuntrabandu u t-traffikar ta' armi lejn jew mill-Haiti;

(iv) l-aġir bi ksur tal-embargo fuq l-armi, jew il-provvista, il-bejgħ, jew it-trasferiment dirett jew indirett, lil gruppi armati jew networks kriminali fil-Haiti, ta' armi jew kwalunkwe materjal relatat, jew kwalunkwe parir tekniku, taħriġ jew assistenza, inkluż finanzjament u assistenza finanzjarja, jew l-ibbenefikar minnhom, b'rabta mal-attivitajiet vjolenti ta' gruppi armati jew networks kriminali fil-Haiti;

(v) l-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew atti li jikkostitwixxu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż dawk li jinvolvu eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja, inkluż tan-nisa u tat-tfal, u t-twettiq ta' atti ta' vjolenza, is-sekwestru ta' persuna, l-għajbien furzat jew il-ħtif ta' persuna għal riskatt fil-Haiti;

(vi) l-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jinvolvu vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż stupru u skjavitù sesswali, fil-Haiti;

(vii) l-ostakolar tal-provvista ta' assistenza umanitarja lill-Haiti jew l-aċċess għall-assistenza umanitarja jew id-distribuzzjoni tagħha fil-Haiti;

(viii) l-attakk fuq il-persunal jew bini ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni u missjonijiet diplomatiċi u operazzjonijiet tal-Istati Membri fil-Haiti, jew il-forniment ta' appoġġ għal attakki bħal dawn.

(b) li jimminaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Haiti permezz ta' mġiba finanzjarja ħażina serja li tikkonċerna fondi pubbliċi jew l-esportazzjoni mhux awtorizzata ta' kapital; jew

(c) assoċjati mal-persuni fiżiċi maħtura taħt il-punti (a) u (b) jew taħt l-Artikolu 2(1).

Il-persuni fiżiċi kif imsemmi f'dan il-paragrafu huma elenkati fl-Anness II.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru jirrifjuta d-dħul ta' nazzjonali tiegħu fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut minn obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-Nazzjonijiet Uniti, jew taħt l-awspiċji tagħhom;

(c) skont ftehim multilaterali li jagħti privileġġi u immunitajiet; jew

(d) skont it-Trattat ta' Konċiljazzjoni (il-Patt tal-Lateran) konkluż fl-1929 mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat kif xieraq fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' bżonn umanitarju urġenti, jew għal raġunijiet ta' attendenza għal laqgħat intergovernattivi jew laqgħat promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament l-objettivi ta' politika ta' miżuri restrittivi.

7. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti skont il-paragrafu 1 fejn id-dħul jew it-tranżitu jkun neċessarju għall-fini ta' proċess ġudizzjarju.

8. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 6 jew 7 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat sakemm Stat Membru wieħed jew aktar ma joġġezzjonawx bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta jirċievu n-notifika dwar l-eżenzjoni proposta. Jekk Stat Membru wieħed jew aktar iqajmu oġġezzjoni, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

9. Fejn, skont il-paragrafi 3, 4, 6 jew 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-tranżitu minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness II, l-awtorizzazzjoni għandha tkun strettament limitata għall-iskop li għalih tkun ingħatat u għall-persuni direttament ikkonċernati minnha.";

(5) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-kliem"l-Anness" huma sostitwiti bil-kliem "l-Anness I";

(b) fil-paragrafu 2, il-kliem "l-Anness" huma sostitwiti bil-kliem 'Anness I';

(c) fil-paragrafu 4, punt (b), il-kliem "l-Anness" huma sostitwiti bil-kliem 'Anness I';

(6) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 3a*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma proprjetà ta', jew li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li:

(a) ikunu responsabbli jew kompliċi, jew involuti, direttament jew indirettament, f'azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti, inkluż:

(i) l-involviment dirett jew indirett f'attivitajiet kriminali u vjolenza li jinvolvu gruppi armati u networks kriminali li jippromwovu l-vjolenza, inkluż ir-reklutaġġ furzat ta' tfal minn tali gruppi u networks, ħtif ta' persuni, traffikar ta' persuni u faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, u omiċidji u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, jew l-appoġġ għalihom;

(ii) l-appoġġ għat-traffikar illeċitu u d-devjazzjoni ta' armi u materjal relatat, jew flussi finanzjarji illeċiti relatati magħhom;

(iii) it-teħid ta' azzjoni għal, f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' jew l-appoġġ b'mod ieħor jew il-finanzjament ta' persuna jew entità dežinjata b'konnessjoni mal-attività deskritta fil-punt (i) jew (ii), inkluż bl-użu dirett jew indirett tar-rikavat mill-kriminalità organizzata, inkluż rikavati mill-produzzjoni illeċita u t-traffikar tad-drogi u tal-prekursuri tagħhom li joriġinaw fil-Haiti jew li jgħaddu minnha, it-traffikar ta' persuni u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali mill-Haiti jew il-kuntrabandu u t-traffikar ta' armi lejn jew mill-Haiti;

(iv) l-aġir bi ksur tal-embargo fuq l-armi, jew il-provvista, il-bejgħ, jew it-trasferiment, dirett jew indirett, lil gruppi armati jew networks kriminali fil-Haiti, ta' armi jew kwalunkwe materjal relatat, jew kwalunkwe parir tekniku, taħriġ jew assistenza, inkluż finanzjament u assistenza finanzjarja, jew l-ibbenefikar minnhom, b'rabta mal-attivitajiet vjolenti ta' gruppi armati jew networks kriminali fil-Haiti;

(v) l-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jiksru d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew atti li jikkostitwixxu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż dawk li jinvolvu eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja, inkluż tan-nisa u tat-tfal, u t-twettiq ta' atti ta' vjolenza, is-sekwestru ta' persuna, l-għajbien furzat jew il-ħtif ta' persuna għal riskatt fil-Haiti;

(vi) l-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jinvolvu vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż stupru u skjavitù sesswali, fil-Haiti;

(vii) l-ostakolar tal-provvista ta' assistenza umanitarja lill-Haiti jew l-aċċess għall-assistenza umanitarja jew id-distribuzzjoni tagħha fil-Haiti;

(viii) l-attakk fuq il-persunal jew bini ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni u missjonijiet diplomatiċi u operazzjonijiet tal-Istati Membri fil-Haiti, jew il-forniment ta' appoġġ għal attakki bħal dawn;

(b) li jimminaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Haiti permezz ta' mġiba finanzjarja ħażina serja li tikkonċerna fondi pubbliċi jew l-esportazzjoni mhux awtorizzata ta' kapital; jew

(c) ikunu assoċjati mal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ddeżinjati fil-punti (a) u (b) jew taħt l-Artikolu 3(1),

għandhom jiġu ffriżati.

Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi kif imsemmi f'dan il-paragrafu huma elenkati fl-Anness II.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom isiru disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness II jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li jsiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont il-kundizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu:

(a) neċessarji biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness II, u tal-membri dipendenti tal-familji ta' dawn il-persuni fiżiċi, inklużi ħlas għal oġġetti tal-ikel, kera jew self ipotekarju, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u spejjeż ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli u għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kundizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, għall-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(e) ser jitħallsu f'kont, jew jinħarġu minnu, ta' missjoni diplomatika jew konsulari, jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari, jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li jsiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, dment li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew elenkati fl-Anness II, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklużivament biex jiġu ssodisfati pretensjonijiet iggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness II; kif ukoll

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx imur kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness II milli jagħmlu ħlas dovut skont kuntratt jew ftehim konkluż, jew obbligazzjoni maħluqa, qabel id-data li fiha dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikunu ġew elenkati fih, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun iddetermina li l-ħlas ma jiġix riċevut, direttament jew indirettament, minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet;

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data meta dawk il-kontijiet ikunu saru soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2; jew

(c) pagamenti dovuti skont deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali li ngħataw fl-Unjoni jew li huma eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat,

dment li kwalunkwe tali mgħax, dħul ieħor u pagament jibqa' soġġett għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment, l-ipproċessar jew il-pagament ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew għall-forniment ta' oġġetti u servizzi li huma meħtieġa biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jappoġġaw attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fejn tali assistenza u attivitajiet oħra jitwettqu minn:

(a) in-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-programmi, il-fondi u l-entitajiet u l-korpi l-oħra tagħhom, kif ukoll l-aġenziji speċjalizzati u l-organizzazzjonijiet relatati tagħhom;

(b) organizzazzjonijiet internazzjonali;

(c) organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet umanitarji;

(d) organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati bilateralment jew multilateralment li jipparteċipaw fil-Pjanijiet ta' Rispons Umanitarju tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Pjanijiet ta' Rispons għar-Refuġjati, appelli oħra tan-Nazzjonijiet Uniti jew raggruppamenti umanitarji kkoordinati mill- OCHA;

(e) l-impjegati, il-benefiċjarji, is-sussidjarji, jew is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-entitajiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) waqt u sal-punt li jkunu qed jaġixxu f'dawk il-kapaċitajiet; jew

(f) atturi xierqa oħra kif determinat mill-Kunsill.

8. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7, b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, u fir-rigward ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness II, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-forniment ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huwa meħtieġ għat-twassil fil-ħin ta' assistenza umanitarja jew għall-appoġġ ta' attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet umani bażiċi.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(7) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Il-Kunsill, li jaġixxi unanimament, għandu jemenda l-lista fl-Anness I f'konformità mad-deċiżjonijiet meħudin mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("il-Kunsill tas-Sigurtà") jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

2. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi unanimament fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), għandu jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness II.";

(8) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta l-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jiddeżinja persuna jew entità, il-Kunsill għandu jinkludi dik il-persuna jew l-entità fl-Anness I. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inkluż ir-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna jew l-entità kkonċernata, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li jipprovdi lil dik il-persuna jew entità bl-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4(2), inkluż ir-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, li jipprovdi lil dik il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp l-opportunità li jippreżenta osservazzjonijiet.";

(9) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

1. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni u l-entitajiet kif ipprovduti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

2. L-Anness I għandu jinkludi wkoll, fejn disponibbli, informazzjoni pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet neċessarja biex jiġu identifikati l-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet u l-psewdonimi; id-data u l-post ta' twelid; in-nazzjonalità; in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità; is-sess; l-indirizz, jekk magħruf; u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet; il-post u d-data tar-reġistrazzjoni; in-numru tar-reġistrazzjoni; u l-post tan-negozju.

3. L-Anness II għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi msemmija fih.

4. L-Anness II għandu jinkludi, meta tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi: l-ismijiet u l-psewdonimi; id-data u l-post tat-twelid; in-nazzjonalità; in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità; is-sess; l-indirizz, jekk magħruf; u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi: l-ismijiet; il-post u d-data tar-reġistrazzjoni; in-numru tar-reġistrazzjoni; u l-post tan-negozju.";

(10) fl-Artikolu 7, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli għandhom jipproċessaw data personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

(a) fir-rigward tal-Kunsill, għat-tħejjija u l-emendar tal-Annessi I u II;

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, għat-tħejjija ta' emendi għall-Annessi I u II.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, data rilevanti b'rabta ma' reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi elenkati, u ma' kundanni penali jew miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lit-tali persuni, biss sa fejn tali pproċessar ikun meħtieġ għall-preparazzjoni tal-Annessi I u II.";

(11) l jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 7a*

L-ebda pretensjoni marbuta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li l-eżekuzzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, inkluż pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dak it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew għall-pagament ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk din issir minn:

(a) persuna fiżika jew ġuridika, entita' jew korp iddeżinjat elenkat fl-Anness II; jew

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz ta' persuna fiżika jew ġuridika, l-entita' jew korp msemmija fil-punt (a) jew f'isimhom.";

(12) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi emendata jew imħassra kif xieraq, f'konformità mad-determinazzjonijiet li saru mill-Kunsill tas-Sigurtà.

2. Il-miżuri msemmijin fl-Artikolu 2a(1) u l-Artikolu 3a(1) u (2) għandhom japplikaw sad-29 ta' Lulju 2024 u għandhom jinżammu taħt rieżami kostanti. Huma għandhom jiġġeddu, jew jiġu emendati kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħhom ma jkunux intlaħqu.

3. Meta jirrieżamina miżuri restrittivi meħudin taħt l-Artikolu 2a(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b), u l-Artikolu 3a(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b), il-Kunsill għandu jqis kif xieraq jekk il-persuni inkwistjoni humiex soġġetti għal proċedimenti ġudizzjarji jew le fir-rigward tal-imġiba li għaliha kienu ġew elenkati.";

(13) l-Anness jiġi msemmi "Anness I";

(14) it-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jinżdied bħala Anness II.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS

ANNESS

"ANNESS II

A. Lista ta' persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikolu 2a(1) u fl-Artikolu 3a((1)

B. Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 3a(1)".